**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 281/2021VG**

**Beranmar Limited**

**Vs**

**Darren Tonna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Darren Tonna fid-19 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet "Beranmar Limited v. Darren Tonna" bin-Numru 2043/21 u dana b'referenza għall-kontijiet bankarji bin-Numri 40024385266, 40024385305, 40019432616 u 40023862609 fi ħdan il-Bank of Valletta p.l.c., in bażi għall-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li l-imsemmi Mandat jirriżulta abbużiv fil-konfront tiegħu in kwantu ma saret l-ebda talba għall-ħlas fil-konfront tiegħu jew talba sabiex tiġi provduta sigurtà fi żmien ħmistax-il ġurnata qabel ma jinħareġ l-istess Mandat u dan kif jipprovdi l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u alternattivament, f'każ li l-Qorti tikkonferma l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21, tordna li jiġu rilaxxati l-għajnuna ta' diżabilità tal-minuri, is-salarju ta' omm il-minuri li jidħlu fl-istess kontijiet, l-ammont tal-loan u l-fees ta' l-iskola tal-minuri kif ukoll dak il-porzjon li tistipula l-Liġi sabiex hu u n-nies dipendenti fuqu jkunu jistgħu jgħixu;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà Beranmar Limited permezz ta' liema topponi għat-talbiet tar-Rikorrent in bażi għar-raġunijiet minnha fiha dettaljati u titlob li l-istess imsemmija talbiet jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tas-soċjetà Beranmar Limited markati Dok. "BL1" sa' Dok. "BL3" a fol. 27 sa' 29 tal-proċess;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/2021 u l-atti ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1381/2021 datata 22 ta' Ġunju 2021, allegati ma' dawn l-atti proċesswali;

Rat l-Artikolu 836(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u rat ukoll is-subartikoli (1)(d)(f) u (8)(b)(d) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent, sekwestrat għall-finijiet tal-Mandat ta' Sekwestru Kawteolatorju fl-ismijiet "Beranmar Limited v. Darren Tonna" bin-Numru 2043/21, jitlob: (i) ir-revoka ta' l-imsemmi Mandat Kawtelatorju in bażi għall-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - għalkemm fit-talba finali jagħmel referenza biss għas-subartikolu (1)(d) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi; u (ii) għall-imposizzjoni ta' penali fuq is-soċjetà Intimata ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - għalkemm fit-talba finali jagħmel referenza biss għas-subartikolu (8)(b) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi. Alternattivament jitlob li f'każ li l-Qorti tikkonferma l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, Hija tordna li jiġu rilaxxati l-għajnuna ta' diżabilità tal-minuri, is-salarju ta' omm il-minuri li jidħlu fl-istess kontijiet, l-ammont tal-loan u l-fees ta' l-iskola tal-minuri kif ukoll dak il-porzjon li tistipula l-Liġi sabiex hu u n-nies dipendenti fuqu jkunu jistgħu jgħixu.

Is-soċjetà Intimata, għar-raġunijiet minnha esposti fir-Risposta tagħha topponi għat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess tess imsemmija talbiet jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

**Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Għalkemm fit-talba finali tiegħu r-Rikorrent jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 in bażi għall-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ser tittratta anke l-pretensjoni tiegħu li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju imsemmi għandu jiġi revokat ukoll in bażi għas-subartikolu (1)(f) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi.

L-iskop għall-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju - inkluż għalhekk Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju - huwa biex il-persuna li titlob il-ħruġ ta' tali Mandat tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha fil-konfront tal-persuna kontra min jintalab u eventwalment jinħareġ tali Mandat, sakemm il-pretensjoni tagħha tiġi determinata ġudizzjarjament. Fir-rigward l-Artikolu 829 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna tista', mingħajr ma hu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji hawn taħt imsemmija, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodiċi, jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha.*

L-elementi bażiċi meħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju jinsabu disposti fl-Artikolu 375 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - entrambe reżi applikabbli għal tali Mandat kawtelatorju bis-saħħa ta' l-Artikolu 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Apparti l-elementi meħtieġa *ad validitatem* ai termini ta' l-Artikolu 375 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 848 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 466 u 467 għal dawk li huma krediti tal-Gvern, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, il-mandat ta' qbid* (il-mandat ta' sekwestru wkoll bis-saħħa ta' l-Artikolu 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) *ma jiġix maħruġ kemm-il darba l-mandat ma jsirx flimkien ma' talba sabiex il-kreditu jew il-pretensjoni jiġu kanonizzati b'sentenza u sakemm il-kreditu jew il-pretensjoni ma jkunux iktar minn elf mija u*

*erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) jew it-talba għall-ħruġ ta' dak il-mandat hi għal xi ħaġa li, kif jingħad, hi l-proprjetà tal-persuna li tkun qed toħroġ il-mandat.*

Mill-atti proċesswali jirriżulta li in forza ta' ftehim datat 4 ta' Ġunju 2019[1], is-soċjetà Intimata biegħet lir-Rikorrent vettura ta' l-għamla Mitsubishi L200 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JDO-519 verso l-prezz ta' €9,300. Ir-Rikorrent ħallas is-somma ta' €4,000 mal-iffirmar tal-ftehim u, dejjem ai termini tal-ftehim mas-soċjetà Intimata, kellu jħallas ir-rimanenti bilanċ ta' €5,300 permezz ta' pagamenti mensili ta' €300 il-wieħed, bil-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena. Bejn it-28 ta' Settembru 2019 u 24 ta' Jannar 2021[2], ir-Rikorrent ħallas is-somma ta' €2,100 permezz ta' tlett pagamenti ta' €300 il-wieħed u tmien pagamenti ta' €150 il-wieħed. Is-soċjetà Intimata allokat dawn il-ħlasijiet l-ewwel verso l-imgħax dovut sad-data ta' kull ħlas u l-bilanċ versu l-kapital dovut. Mill-24 ta' Jannar 2021 'l hemm ir-Rikorrent ma effettwax iktar pagamenti, b'dana li baqa' bilanċ pendenti ta' €3,785.18, oltre l-imgħax dovut.

Permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1381/21 datata 22 ta' Ġunju 2021[3], is-soċjetà Intimata interpellat lir-Rikorrent iħallas is-somma ta' €3,785.18, rappreżentanti bilanċ ta' prezz tal-vettura ta' l-għamla Mitsubishi L200 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JDO-519 mibjugħa u konsenjata lilu minnha, flimkien ma' l-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Jannar 2021 sad-data ta' l-effettiv pagament, u wissietu li jekk ma jweġibx għall-imsemmija interpellazzjoni permezz ta' Nota fi żmien tletin jum min-notifika, l-Ittra Uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu u fin-nuqqas ta' ħlas jittieħdu proċeduri ulterjuri fil-konfront tiegħu.

Ir-Rikorrent ġie notifikat bl-Ittra Uffiċjali in kwistjoni fit-28 ta' Ġunju 2021 u permezz ta' Nota ppreżentata fl-atti ta' l-Ittura Uffiċjali fl-1 ta' Lulju 2021 huwa rrespinġa l-pretensjonijiet tas-soċjetà Intimata fil-konfront tiegħu u dana billi *qarraqt bil-mittenti billi l-imsemmija vettura ma kienitx tal-kwalità pattwita u dana għaliex kien fiha diversi difetti, inter alia, nuqqas ta' horn, bozza mixgħula tat-traction control, batterija imħassar, grif fil-windscreen u għalhekk il-prezz ma jistax jinżamm għall-ammont mitlub tenendo kont ta' l-imsemmija difetti*[4].

In segwitu għal din in-Nota u senjatament fil-11 ta' Ottubru 2021, is-soċjetà Intimata istitwiet proċeduri fil-konfront tar-Rikorrent quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar permezz ta' liema talbet il-ħlas tas-somma ta' €3,785.18 u kontestwalment talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju (il-Mandat *de quo*) fil-konfront tar-Rikorrent, liema talba ġiet milqugħa fit-12 ta' Ottubru 2021.

Minn dan appena osservat jidher għalhekk illi s-soċjetà Intimata aġixxiet fil-konfront tar-Rikorrent entro l-parametri ta' l-Artikoli 849, 848 u 375 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] Dok. "BL1" a fol. 27 tal-proċess.
[2] Vide statement anness kemm ma' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1381/21 kif ukoll mal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21.
[3] Atti annessi ma' dawn il-proċeduri.
[4] Vide Nota ta' l-intimat għall-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1381/21.

Nonostante d-dritt ta' kreditur li jitlob u jottjeni l-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju fil-konfront tad-debitur tiegħu, ai temrini tal-Liġi d-debitur jista' jitlob ir-revoka ta' tali Mandat Kawtelatorju entro l-parametri u ċirkostanzi preskritti u previsti fl-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi - u senjatament is-subartikolu (1)(d)(f) ta' l-istess in kwantu huma l-provvedimenti rilevanti għal dawn il-proċeduri - jipprovdi li: *mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel Rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; ... (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jikkontendi li *l-mandat odjern ġie mressaq in vista ta' nuqqasijiet ta' ħlasijiet fuq vettura li temani minn kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet. Illi prima facie jirriżulta ampjament illi l-vettura nbiegħet b'numru ta' difetti latenti tant illi s-sekwestrant aviċina lis-soċjetà rikorrenti diversi drabi sabiex issewwi l-vettura u din naqset milli tagħmel dan u għalhekk jingħad bid-dovut rispett li dan il-mandat ħareġ b'mod abbusiv għall-aħħar. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi hu evidenti li l-mandat ta' sekwestru in eżami mhuwiex ġustifikabbli u m'huwiex raġjonevoli li jibqa' fis-seħħ u għalhekk għandu jiġi revokat*[5].

Huwa ormai assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *fi proċeduri li jsiru ai termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap.12 filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja dwar il-mertu ta' bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-provvediment finali mogħti fl-ismijiet Joseph Camilleri et v. Anthony Govè et*[6]*: "mid-dispożizzjoni ta' l-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċeduri preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja*[7]*. Il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. Il-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu intlaqa' l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaża l-azzjoni tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat, fost dawn wieħed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-għoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat. Il-leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontro-mandat*[8].

[5] Vide Rikors promotur.
[6] Rikors Nru. 286/01 degretat mill-Prim' Awla Ċivili fl-10 ta' Mejju 2001.
[7] C&F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia, Rik. Nru. 545/14 degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu 2014.
[8] Karen Camilleri v. Alfred Spiteri, Rik. Nru. 515/20 degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Awwissu 2020.

Fid-dawl ta' dan il-prinċipju huwa evidenti għalhekk li kwalunkwe eċċezzjoni li r-Rikorrent jista' għandu verso l-pretensjoni tas-soċjetà Intimata fil-konfront tiegħu, inkluż għalhekk kwalunkwe allegazzjoni ta' difetti latenti fil-vettura minnu akkwistata mingħand l-imsemmija soċjetà, tista', anzi, trid tiġi kkunsidrata fil-proċeduri fil-mertu u ċertament ma tistax u ma għandhiex tiġi trattata fi proċeduri istitwiti għar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju u lanqas ma tista' tali allegazzjoni tikkostitwixxi bażi għar-revoka ta' l-imsemmi Mandat Kawtelatorju.

In kwantu rigwarda l-estremi ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta *qua* bażi għar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju, huwa stabbilit fis-sistema ġuridika nostrali li *biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed 'eċċessiv', irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li l-ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa ta' għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis ta' l-ammont sekwestrat*[9]*. Ma hemmx għalfejn li jiġi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun biżżejjed li min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat jikkonferma bil-ġurament li hu kreditur ta' l-intimati. Dawn il-proċeduri mhux intiżi biex iservu ta' reviżjoni għar-rigward ta' l-ordni tal-ħruġ tal-mandat. Dawn il-proċeduri jsiru sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistux l-estremi li trid il-liġi, skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 836 tal-Kap.12, sabiex il-mandat jiġi revokat in parte jew in toto. Għalhekk mhux neċessarjament jiġu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu. In oltre, l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' preġudizzzju lir-rikorrent mhux raġuni valida għala l-mandat għandu jiġi revokat*[10].

Kif già iktar 'l fuq osservat il-pretensjoni tas-soċjetà Intimata verso r-Rikorrent hija ta' **€3,785.18**. Dan huwa l-ammont li s-soċjetà Intimata interpellat lir-Rikorrent iħallasha permezz ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1381/21, u dan l-ammont ġie ġustifikat permezz ta' rendikont anness ma' l-istess ittra li juri l-bilanċ dovut mir-Rikorrent lis-soċjetà Intimata wara l-ħlas tas-somma ta' €4,000 mal-firma tal-ftehim ta' l-akkwist tal-vettura u l-bilanċ aħħari minnha pretiż wara li rċeviet u allokat il-pagamenti magħmula lilha mir-Rikorrent bejn it-28 ta' Settembru 2019 u l-24 ta' Jannar 2021. Dan l-istess ammont jikkostitwixxi wkoll il-kreditu li s-soċjetà Intimata qed tipprova tikkanonizza fil-konfront tar-Rikorrent permezz tal-proċeduri minnha istitwiti quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Zgħar in segwitu għal kontestazzjoni tar-Rikorrent għall-interpellazzjoni għall-ħlas permezz ta' l-imsemmija Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u huwa l-istess ammont li ġie minnha kawtelat bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21.

B'hekk bejn il-jedd pretiż mis-soċjetà Intimata u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd - ossia l-ammont minnha kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 - ma hemmx nuqqas ta' qbil u għaldaqstant ma hemm ebda raġuni in bażi għal liema f'dan l-istadju u f'dawn il-proċeduri l-ammont kawtelat bil-Mandat in kwistjoni għandu jitqies eċċessiv jew mhux *prima facie* ġustifikat.

[9] Salvino Farrugia noe v. Exalco Holdings Ltd, Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru 1999.
[10] Taormina Holdings Ltd. v. Biochemicals Internationall Ltd., Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2003.

Konsegwentement għalhekk, ir-Rikorrent ma huwiex ġustifikat f'li jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawteolatorju bin-Numru 2043/21 in bażi għal dak provdut fl-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u r-raġuni hemm prevista għar-revoka ta' Mandat Kawtelatorju, issir referenza għad-Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili **wara r-Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1595/12 fl-ismijiet Joseph Tabone v. Capece Construction Limited, Rik. Nru. 67/13** degretat fl-14 ta' Awwissu 2013, fejn ġie osservat illi *jekk 'il quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ*[11]*. Allura fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet ta' l-intimati eżekutanti. Illi ngħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ*[12]*. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*

Fil-każ in eżami u wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 u l-konsegwenti notifika lis-sekwestratarji, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. iddepożitat, permezz ta' Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 3066/21[13], is-somma ta' **€1,534.94**, flimkien mas-somma ta' €73.70 rappreżentanti spejjeż, u s-soċjetà APS Bank p.l.c. iddepożitat, permezz ta' Ċedola bin-Numru 3099/21[14], is-somma ta' **€839.28**, flimkien mas-somma ta' €60.72 rappreżentanti spejjeż, sabiex tiġi żbankata minn min għandu dritt għaliha skond il-Liġi. Jirriżulta għalhekk li llum hemm depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti b'effett ta' u in segwitu għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 maħruġ fil-konfront tar-Rikorrent, is-somma komplessiva ta' **€2,374.22**, liema ammont ikun jista' jiġi żbankat minn min ikollu dritt għalih skond l-eżitu finali tal-proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal Għal Tabliet Zgħar.

Għalkemm il-Qorti ttenni li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 ma għandux jiġi revokat *in toto*, in vista ta' dawn iż-żewġ depożiti l-istess Mandat jista', anzi fil-fehma tal-Qorti għandu, jiġi revokat in parte fis-sens illi jibqa' fis-seħħ biss għas-somma ta' **€1,410.96**, li hija dik il-parti mill-pretensjoni tas-soċjetà Intimata fil-konfront tar-Rikorrent li sa' llum għadha mhux debitament garantita.

B'hekk it-talba tar-Rikorrent in kwantu bbażata fuq l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ġustifikata biss u limitatament għall-fini li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 jiġi revokat in parte b'dana li jibqa' in vigore biss għas-somma ta' €1,410.96.

---

[11] Vide Spiteri v. Camilleri, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar 1992 u d-Digriet fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Yorkie Clothing Industry Limited v. Dr. Lilian Calleja Cremona, degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju 2002.

[12] Digriet fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Dr. Tonio Fenech noe v. Dr. Patrick Spiteri et noe et, degretat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu 2001.

[13] Dok. "BL2" a fol. 28 tal-proċess.

[14] Dok. "BL3" a fol. 29 tal-proċess.

**Talba alternattiva tar-Rikorrent:**

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jikkontendi wkoll illi *għandu minuri b'diżabbilità li jrid imantnih u jgħinu f'qagħda medika kuljum kif ukoll għandu loan illi trid titħallas kull xahar kif ukoll hemm ġewwa l-istess kontijiet bankarji ammont ta' work benefit u fees li jridu jitħallsu għall-edukazzjoni tal-minuri* u a bażi ta' hekk jitlob li jiġu rilaxxati mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 l-għajnuna tad-diżabilità ta' dan il-minuri kif ukoll il-miżati ta' l-iskola relattiva għalih, l-ammont tal-loan u anke s-salarju ta' omm il-minuri li skontu jidħol fil-kontijiet bankarji milquta bl-effetti ta' l-imsemmi Mandat, u anke dik il-porzjoni li tistipula l-Liġi sabiex huwa u n-nies dipendenti fuqu jkunu jistgħu jgħixu.

Għad illi l-Qorti tista' tifhem id-diffikultajiet u preġudizzju li r-Rikorrent jista' qed isofri minħabba l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21, partikolarment fid-dawl ta' l-affermazzjoni tiegħu li għandu minuri b'diżabilità, huwa prinċipju ormai stabbilit u assodat in materja li *l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' preġudizzju lir-rikorrenti mhux raġuni valida għala l-mandat għandu jiġi revokat*[15]. Il-bażi ta' dan il-prinċipju ġuridiku tinsab imfissra b'mod akkurat fid-Digriet pronunċjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 2005 wara **r-Rikors fl-ismijiet Theresa Mangion Galea v. Desmond Stanley Steward, Rik. Nru. 336/05**, fejn fir-rigward ingħad: *illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami weġġa' lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendenti u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-Liġi sakemm il-kwistjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintnesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwistjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu. Illi wieħed għandu jqis ukoll li, qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, ma kien mogħti l-ebda rimedju bħal dak mitlub illum mir-rikorrent għat-tneħħija ta' Mandat, sakemm kien ikun ġie mistħarreġ il-mertu tal-kwistjoni. Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madanakollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha tfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati.*

Ir-Rikorrent qed jitlob ir-rilaxx ta' dawn il-flejjes, inkluż il-porzjoni li tistipula l-Liġi, sabiex, fi kliemu stess, *l-esponenti u n-nies dipendenti fuqu jkunu jistgħu jgħixu*. Talba da parte ta' persuna milquta b'Mandat ta' Sekwestru biex parti minn flejjes sekwestrati jiġu rilaxxati għall-manteniment tagħha u/jew tal-familja tagħha tista' ssir biss entro t-termini ta' l-Artikolu 382(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, applikabbli għall-Mandati ta' Sekwestru Kawtelatorji bis-saħħa ta' l-Artikolu 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *(1) fil-każ ta' kwalunkwe salarju jew paga imsemmija fl-artikolu 381(1)(a) meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin*

---

[15] Taormina Holdings Limited v. Biochemicals International Limited, Rikors Nru. 715/03, degretat mill-Prim 'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta 'Ottubru 2003.

*ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel: Iżda jekk id-debitur jagħmel Rikors li fih juri għas-sodisfazzjoni tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat: Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li tali talba tista' ssir biss fir-rigward ta' dik il-parti mis-salarju tal-persuna milquta bl-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru in eċċess ta' €698.81. Fil-każ in eżami però s-sekwestratarji indikati fuq il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21, u b'hekk marbuta bl-effetti tiegħu, huma ħames banek, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u l-Malta Stock Exchange p.l.c., li ebda wieħed minnhom ma ġie indikat - u wisq inqas ippruvat - li r-Rikorrent huwa impjegat magħhom. Una volta li jidher li l-Mandat in kwistjoni jolqot il-kontijiet bankarji tar-Rikorrent, tant illi speċifikatament jitlob ir-revoka tal-Mandat fir-rigward ta' erba' kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta p.l.c., u mhux direttament is-salarju tiegħu, it-talba ai termini ta' l-Artikolu 382(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta hija improponibbli.

In sostenn ta' din l-osservazzjoni ssir referenza għad-Digriet mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta 'Marzu 2013 in segwitu għar-Rikors fl-atti tal-Mandat ta 'Sekwestru bin-Numru 445/12 fl-ismijiet **Nazzareno Vassallo v. Rosanne Zammit, Rik. Nru. 20/13**, fejn appuntu ġie osservat illi *dan l-Artikolu* (l-Artikolu 381 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta 'Malta) *huwa ta natura eċċezzjonali u fil-każ ta pagi huwa kkwalifikat bl-Artikolu 382 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta Malta fejn jiġi speċifikat li l-Artikolu 381(1)(a) huwa limitat biss bl-ammont ta sitt mija u tmienja u disgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) fix-xahar. Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestratarji jkunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta s-sekwestratarji jkunu l-banek. Dan għaliex hekk kif flejjes jiġu depożitati f kont bankarju huma jiġu meqjusa bħala depożitu kummerċjali u b hekk nonostante l-fatt li jistgħu jkunu pensjoni/paga/allowance/għajnuna, hekk kif jiġu depożitati huma jitilfu in-natura tagħhom bħala tali u jiġu meqjusa bħala depożitu bankarju.....*

Dan il-prinċipju jolqot it-talba tar-Rikorrent anke fir-rigward tal-flejjes l-oħra li jitlob li jiġu rilaxxati mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21, in kwantu una volta dawn il-flejjes jidħlu fil-kont/kontijiet bankarji tiegħu jitilfu n-natura tagħhom bħala tali u jiġu meqjusa bħala depożitu bankarju. Fir-rigward issir referenza wkoll għal dak osservat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Tabib Prinċipali tal-Gvern v. Hazel Pannel**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Marzu 2009, *l-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru ikkolpixxa f'dan il-każ il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depożitati fih u, allura, strettament l-artikolu 381 tal-liġi ma jistax lanqas ikollu applikabilità. Li kieku kellu jiġi raġunat mod ieħor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jiġi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depożiti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes oħra għal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan ċertament mhux dak li tgħid jew trid il-liġi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depożiti bankarji, hu x'inhu s-sort tagħhom.*

In kwantu rigwarda t-talba tar-Rikorrent għar-rilaxx ta' l-ammont tal-loan li huwa jikkontendi li għandu jħallas, il-Qorti tosserva li tali talba wkoll hija improponibbli stante li ai termini tal-*proviso* ta' l-Artikolu 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, huma biss garanziji bankarji li ma għandhomx ikunu milquta bl-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju. L-imsemmi provvediment tal-Liġi di fatti jipprovdi li *iżda meta s-sekwestratarju huwa bank, mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma japplikax għal flus li jkollhom jitħallsu mill-bank fl-eżekuzzjoni ta' xi garanzija magħmula mill-bank li huwa jħallas fuq it-talba tal-persuna li favur tagħha tkun saret il-garanzija bankarja; u f'kull każ bħal dak, minkejja l-mandat ta' sekwestru, il-bank ikollu s-setgħa li jħallas jew xort'oħra jiddisponi minn dawk il-flus bħala ħielsa mill-mandat ta' sekwestru u jkollu d-dritt ukoll li jirtira dawk il-flus minn kull qorti jew post ieħor, jew mingħand kull persuna, fejn, jew għand min, ikunu tqiegħdu jew ġew depożitati, u jkun id-dmir tar-Reġistratur ta' dik il-qorti jew tal-persuna oħra li jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha dawk il-flus, li tagħtihom lura minnufih lill-bank.*

In fine jiġi osservat li għal dak li jirrigwarda t-talba tar-Rikorrent għar-rilaxx tas-salarju ta' omm il-minuri li allegatament jidħol fil-kont/kontijiet bankarji minnu indikati fir-Rikors tiegħu, il-Qorti tqis li l-istess Rikorrent ma għandux *locus standi* biex jagħmel tali talba. Hija se mai din il-persuna li għandha s-salarju tagħha allegatament dieħel f'tali kont/kontijiet bankarji li tista' titlob ir-rilaxx tas-salarju tagħha u f'każ li huwa minnu tottjeni r-rilaxx relattiv.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li t-talba alternattiva mressqa mir-Rikorrent bir-Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2021, ossia t-talba għar-rilaxx ta' l-għajnuna tad-diżabilità tal-minuri kif ukoll il-miżati ta' l-iskola relattiva għalih, l-ammont tal-loan, is-salarju ta' omm il-minuri li skontu jidħol fil-kontijiet bankarji milquta bl-effetti ta' l-imsemmi Mandat u dak il-porzjon li tistipula l-Liġi sabiex huwa u n-nies dipendenti fuqu jkunu jistgħu jgħixu, ma hijiex ġustifikata u ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

**Penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Ir-Rikorrent jitlob ukoll li l-Qorti timponi penali fuq is-soċjetà Intimata ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi: *il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju f'kull każ minn dawn li ġejjin: … (b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat: … (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Fir-rigward ta' l-imposizzjoni ta' penali ai termini ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi, mill-ġdid issir referenza għad-Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili **wara ir-Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1595/12 fl-ismijiet Joseph Tabone v. Capece Construction Limited, Rik. Nru. 67/13** degretat fl-14

ta' Awwissu 2013, fejn ġie osservat illi: *dwar il-kwistjoni ta' l-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi*[16]*. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha*[17]*. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap.12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

L-ewwel ċirkostanza in bażi għal liema r-Rikorrent jitlob li tiġi imposta penali fuq is-soċjetà Intimata hija li l-imsemmija soċjetà naqset milli ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21, titolbu l-ħlas tas-somma minnha pretiża u/jew li fi kwalunkwe każ l-istess soċjetà ma għandhiex raġuni tajba biex iżżomm l-imsemmi Mandat fis-seħħ - Artikolu 836(8)(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ in eżami jirriżulta b'mod ċar li in forza ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 22 ta' Ġunju 2021[18], is-soċjetà Intimata interpellat lir-Rikorrent għall-ħlas tas-somma ta' €3,785.18, *qua* somma ċerta, likwida u dovuta, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' vettura ta' l-għamla Mitsubishi L200 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JDO-519 minnha mibjugħa u konsenjata lilu, flimkien ma' l-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Jannar 2021 sad-data ta' l-effettiv pagament. Din l-Ittra Uffiċjali ġiet notifikata lir-Rikorrent fit-28 ta' Ġunju 2021 u huwa, permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2021, ikkontesta l-istess. In segwitu għall-kontestazzjoni tar-Rikorrent, senjatament fil-11 ta' Ottubru 2021 is-soċjetà Intimata istitwiet proċeduri għall-ħlas ta' l-imsemmija somma ta' €3,785.18, kontra r-Rikorrent quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar u kontestwalment talbet għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tiegħu, liema talba għall-ħruġ tal-Mandat ġiet milqugħa fit-12 ta' Ottubru 2021.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti assolutament ma tistax tifhem kif ir-Rikorrent jippretendi li għandha tiġi imposta penali fuq is-soċjetà Intimata għaliex, skontu, naqset milli tinterpellah għall-ħlas skond kif provdut u entro t-terminu previst fl-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda t-tieni rekwiżit ta' dan il-provvediment partikolari tal-Liġi, il-Qorti tosserva li - u dana anke fid-dawl ta' dak kollu iktar 'l fuq già osservat - is-soċjetà Intimata għandha raġuni valida għaż-żamma fis-seħħ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 għall-inqas sa' l-ammont ta' €1,410.96. Il-Qorti tosserva li għalkemm b'dan id-Digriet il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 qed jiġi revokat in parte, ossia qed jiġi degretat li jibqa' fis-seħħ biss sa' l-ammont ta' €1,410.96, fil-fehma Tagħha xorta waħda ma tirriżultax raġuni valida għall-imposizzjoni ta' penali

[16] Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 2003, fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Cole Foods Ltd. v. Euro Imports Ltd.
[17] Vide deċiżjoni fl-ismijiet Joseph Rapa v. Raymond Sammut, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Marzu 2001.
[18] Annessa ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri.

fuq is-soċjetà Intimata kif pretiż mir-Rikorrent u dana billi din ir-revoka in parte tal-Mandat skattat mhux minħabba xi nuqqas ta' jedd da parte tas-soċjetà Intimata imma in segwitu għad-depożiti effettwati mill-Bank of Valletta p.l.c. u mill-APS Bank p.l.c. biċ-Ċedoli ta' Depożitu rispettivament bin-Numru 3066/21[19] u 3099/21[20] wara li huma ġew notifikati bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21.

Għal dak li jirrigwarda ċ-ċirkostanza l-oħra in bażi għal liema r-Rikorrent jitlob li tiġi imposta penali fuq is-soċjetà Intimata, ossia ċ-ċirkostanza prevista fl-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioè li t-talba tas-soċjetà Intimata għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21 saret b'malizzja, hija frivola jew vessatorja, il-Qorti hi tal-fehma li din iċ-ċirkostanza f'dan il-każ assolutament ma tirriżultax. Anzi rriżulta b'mod ċar li s-soċjetà Intimata għandha pretensjoni fil-konfront tar-Rikorrent, pretensjoni din li r-Rikorrent qed jopponi u għalhekk l-istess soċjetà kienet kostretta tissalvagwardja u tikkawtela d-drittijiet tagħha bis-saħħa ta' l-imsemmi Mandat, pendenti l-eżitu tal-proċeduri għall-kanonizazzjoni tal-kreditu tagħha fil-konfront tar-Rikorrent quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Zgħar. Jiġi in fine osservat illi l-bona fede hija dejjem preżunta u l-mala fede trid dejjem tiġi ppruvata (Artikolu 532 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta), ħaġa li fil-każ in eżami r-Rikorrent assolutament ma seħħlux jagħmel.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti tqis li t-talba tar-Rikorrent għall-imposizzjoni ta' penali fuq is-soċjetà Intimata ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad it-talba tar-Rikorrent in kwantu hija intiża għar-revoka *in toto* tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 2043/21, ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u fid-dawl taċ-Ċedoli ta' Depożitu bin-Numri 3066/21 u 3099/21, tirrevoka in parte l-istess imsemmi Mandat b'dana li għandu jibqa' fis-seħħ biss sa' l-ammont ta' €1,410.96. Tiċħad it-talba tar-Rikorrent għall-imposizzjoni ta' penali fuq is-soċjetà Intimata ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**Mogħti llum 15 ta' Frar 2022.**

**MAĠISTRAT**

---

[19] Dok. "BL2" a fol. 29 tal-proċess.
[20] Dok. "BL3" a fol. 30 tal-proċess.